BIRKIRKARA

*Minuti tas-Sitta u Erbgħin laqgħa tas-Seba' Kunsill Lokali Birkirkara li saret b'urġenza fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill nhar it-Tnejn 29 ta' Frar 2016 fil-5.00pm.*

| | ***Il-Membri*** |
|---|---|
| ***Is-Sindku*** | *Is-Sinjura Joanne Debono Grech* |
| ***Il-Kunsilliera*** | *Is-Sinjura Rita Borg (Viċi Sindku)*<br>*Is-Sur Michael Fenech Adami (Assent skużat)*<br>*Is-Sur Kaylocke Buhagiar*<br>*Is-Sur Liam Gauci*<br>*Dr. Josianne Cardona Gatt (Assenta skużata)*<br>*Is-Sur Mark George Abdilla (Assent skużat)*<br>*Is-Sur Anthony Buttigieg*<br>*Is-Sur John Mary (Jimmy) Calleja*<br>*Is-Sur Herbert Conti*<br>*Is-Sur John Mizzi*<br>*Is-Sinjura Marie Claire Zammit*<br>*Is-Sur John Borg* |
| ***Chairperson tal-Kumitat Amministrattiv Tas-Swatar*** | *Is-Sur Matthew Mangion (Assent skużat)* |
| ***Chairperson tal-Kumitat Amministrattiv Ta' Fleur-de-Lys*** | *Dott. Francesca Zarb (Assenta)* |
| ***<u>L-Uffiċċjal</u>: Segretarju Eżekuttiv*** | *Is-Sur Neil Spiteri* |

*Fil-bidu tal-laqgħa kienu preżenti s-Sindku, is-Sinjura Joanne Debono Grech, il-Viċi Sindku s-Sinjura Rita Borg, u l-Kunsilliera, is-Sur Liam Gauci, is-Sur Anthony Buttigieg, is-Sur John Mary (Jimmy) Calleja, is-Sur Herbert Conti, is-Sinjura Marie Claire Zammit, is-Sur John Mizzi, is-Sur Keylocke Buhagiar u s-Sur John Borg. Il-kunsilliera is-Sinjuri Michael Fenech Adami, Josianne Cardona Gatt u Mark George Abdilla kienu assenti skużati.*

*Min-naħa tal-Kumitat Amministrattiv tas-Swatar is-Sur Matthew Mangion kien skużat.*
*Min-naħa tal-Kumitat Amministrattiv ta' Fleur De Lys, Dott. Francesca Zarb kienet assenti.*

*Għal din il-laqgħa, kien hemm il-preżenza tal-pubbliku kif ukoll tal-konsulent finanzjarju is-Sur Christian Vella.*

BIRKIRKARA

## 1. Talba

1.1 Il-laqgħa tal-Kunsill fetħet fil-ħamsa ta` filgħaxija. Is-Sindku s-Sinjura Joanne Debono Grech fetħet il-laqgħa bit-talba.

## 2. Tender BLC2-15 Ġbir ta' Skart

2.1 Ġie diskuss l-aġġudikazzjoni tat-tender tal-ġbir ta' skart. Wara l-mistoqsijiet li tqajmu fl-aħħar laqgħa tal-Kunsill, is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li l-kuntrattur WM Environmental ġab id-dokument li konna tlabnih ċioe' konferma mid-diretturi ta' terza kumpanija li ġo fiha kellu *shareholding* ta' 50% li kienet se tagħtih in-nies kollha li kellu bżonn sabiex jekk jirbaħ it-tender, jesegwixxi l-kuntratt mingħajr ebda problema. Is-Segretarju Eżekuttiv informa wkoll lill-Kunsill illi l-Avvukat tal-Kunsill Larry Formosa kien ukoll iddikjara illi għalkemm id-*default notices* kellhom piż fid-deċiżjoni, ma kienux iwaqqgħu tenderer b'mod awtomatiku.

2.2 Fid-dawl ta' dan, u fuq proposta tal-Kunsillier is-Sur John Mary (Jimmy) Calleja, issekondata mill-Kunsillier is-Sur Herbert Conti, il-Kunsill b'mod unanimu ddeċieda li jimxi fuq ir-rakkomandazzjoni tal-Kumitat Finanzi u t-tender jingħata lil WM Environmental.

## 3. Finanzi (Approvazzjoni tar-riżultati 2015 u Budget 2016)

3.1 L-*accountant* tal-Kunsill is-Sur Christian Vella ressaq għall-approvazzjoni tal-Kunsill ir-riżultati finanzjarji għas-sena l-oħra, kif ukoll ressaq l-baġit għas-sena 2016.

3.2 Il-preżentazzjonijiet tas-Sur Vella qed jiġu annessi ma' dawn il-minuti.

3.3 Rigward ir-riżultati tas-sena l-oħra kien hemm mistoqsija mill-Kunsillier is-Sur John Borġ dwar il-kera mingħand il-Melita għall-użu tal-bejt fejn waħħlu antenna. Is-Segretarju Eżekuttiv se jiċċekkja u jinforma lill-Kunsill.

3.4 Rigward l-ispejjeż tal-kommunikazzjoni, is-Segretarju Eżekuttiv qal li xtaq approvazzjoni tal-Kunsill biex tinħareġ kwotazzjoni fil-gazzetta tal-gvern għal sistema ta' telefonija VOIP flok is-sistema preżenti analoga. Minn tagħrif li kiseb, din is-sistema tnaqqas l-ispejjeż bin-nofs. Il-mozzjoni għaddiet formalment fuq proposta tal-Kunsillier is-Sur Anthony Buttigieg, issekondata mill-Kunsillier is-Sur John Borg. Is-Sur Borġ ta parir lis-Segretarju sabiex qabel ma naġġudikaw il-kwotazzjoni naraw li s-sistema tal-*broadband* tagħna tkun tiflaħ għal dan l-investiment.

3.5 Kemm ir-riżultati finanzjarja tas-sena 2015 kif ukoll il-baġit, għaddew nem. con. fuq mozzjoni ppreżentata mill-Viċi Sindku s-Sinjura Rita Borg issekondata mill-Kunsillier is-Sur John Mizzi.

## 4. Għeluq

13.1 Il laqgħa spiċċat fis-sitta u nofs ta' filgħaxija u ġiet aġġornate sine die.

BIRKIRKARA

**IFFIRMATA**

*Joanne Debono Grech*
*Sindku*

**IFFIRMATA**

*Neil Spiteri*
*Segretarju Eżekuttiv*

*Segwi l-laqgħat live fuq*
***http://birkirkaralocalcouncil.com/live-streaming/***